MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1917/2003

**Nicola Camilleri**

**vs**

**Falcon Tours Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u ghaxar liri Maltin, u fejn talbet li dan it-Tribunal joghgbu jiddikjara bhala nulla u bla effett is-sentenza moghtija minn dan l-istess Tribunal fit-2 ta' Novembru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet "Falcon Tours Ltd. vs Nicola Camilleri" (Avviz Numru 569/2000jr) u dan a tenur ta' l-Artikolu 81(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-attrici rikonvenzjonanti ma kienetx giet validament notifikata skond il-procedura stabbilita bl-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 stante illi n-notifika saret biss bil-**

**pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u minghajr ma saret la affissjoni u lanqas pubblikazzjoni f'gazzetta lokali ta' kuljum kif trid il-ligi, u sabiex tordna s-smiegh mill-gdid ta' l-istess kawza u tiddikjara illi l-attrici rikonvenzjonanti m'ghandha tbati ebda spejjez ta' proceduri gudizzjarji stante illi, fl-ewwel lok, kienet is-socjeta` konvenuta rikonvenzjonata illi kienet baghtitilha hlas fis-somma ta' mija u ghaxar liri (Lm110.00) bi zball u, fit-tieni lok, l-attrici rikonvenzjonanti kienet irritornat l-imsemmija somma lis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonata permezz ta' "bank draft" izda ghal xi raguni dan ma ssarrafx u minflok inhargu mandate ezekuttivi kontra taghha, u ricentement regghet uriet ruhha disposta illi tirritorna l-imsemmija somma izda ghal darb'ohra dan gie rifjutat, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta rikonvenzjonata ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fit-13 ta' Ottubru, 2003, li fiha s-socjeta` konvenuta eccepiet:**

**i. in linea preliminari, din il-kawza hija wahda ta' ritrattazzjoni u ghaldaqstant dan it-Tribunal m'ghandux il-kompetenza mehtiega skond il-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jilqa' u jiddeciedi l-azzjoni odjerna;**
**ii. Inoltre u in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 818(1)(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**iii. Inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici, stante illi s-socjeta` eccipjenti ma naqqset bl-ebda mod fil-konfront ta' l-attrici, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari.**

**Ikkunsidra:**

**1. illi ma hemmx dubbju li l-azzjoni intentata hija azzjoni ta' ritrattazzjoni.**

**2. Dan it-Tribunal huwa regolat mil-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, u irid jagixxi necessarjament fil-parametri li jistabilixxi l-att promoter li jirregola lil dan it-Tribunal.**

**3. L-Art.3(2) tal-Kap.380 jistipula illi t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni "sabiex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira."**

**4. Kif sewwa argumenta l-abbli difensur tas-socjeta` konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu: "Il-Ligi tghid biss dak li trid u xejn izjed, u l-interpretazzjoni m'ghandha qatt tiggebbed sa tali punt illi tikkontradixxi l-intenjoni inekwivoka tal-legislatur."**

**5. Issa huwa minnu li talba ghall-ritrattazzjoni trid necessarjament issir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata kif stipulat fl-Artikoli 811 sa 825 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero` definitivament dan l-Artikolu ma hux applikabbli ghall-kazijiet li jinstemghu mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, u dana ghaliex ma hemm xejn fil-ligi, fl-att li jistabilixxi lit-Tribunal, li jaghtih dik l-Awtorita` bhalma ghandhom il-Qrati ordinarji.**

**6. It-Tribunal jirrileva li dak li hemm stipulat huwa fl-Artikoli 811 sa 825 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huma referibbli ghall-Qorti, u dan it-Tribunal ma huwiex Qorti, anke jekk ghandu sembjanza ta' Qorti minn diversi aspetti. Dan it-Tribunal hu necessarjament limitat fil-girisdizzjoni tieghu b'dak li hemm stipulate fl-Artikolu 3(2) tal-Kap.380, u li kieku kien mod iehor l-att stess li jirregola lit-Tribunal kien jipprovdi ghalih, bhal ma ipprovda ghall-kazijiet ta' appell, ghal kazijiet ta' revizjoni minn Qorti superjuri ghad-decizjonijiet ta' dan it-Tribunal. Pero` definitivament ma pprovdiex ghal dak li jirrigwarda kazijiet ta' ritrattazzjoni, u fin-nuqqas ma jistghax dan it-Tribunal jalloka fuqu gurisdizzjoni li m'ghandux.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata, u jiddikjara ruhu mhux kompetenti rationae**

**materiae biex jiehu konjizzjoni ta’ l-azzjoni intentata. U konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess kaz u tillibera lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------